**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 15**

**Data:** **17th June, 2020**

**Hin:** **10.05am**

**Post:** Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Louis Apap* | *Vici Sindku* |
| *Tonio Mifsud* | *Kunsillier* |
| *Joseph Mizzi* | *Kunsillier* |
| *Miriam Borg* | *Kunsillier* |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

---

15.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;

15.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

15.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

15.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

15.5 Korrispondenza u Rapporti;

15.6 Enforcement – Triq Albert W. Ketelby;

15.7 Festa 2020;

15.8 Jum l-Gharb;

15.9 Devoluzzjoni – Sistema tar-Reciklagg;

15.10 Slow Street Project;

15.11 Attivitajiet;

15.12 Covid-19 aggornamenti;

15.13 Materji ohra;

15.14 Skeda ta' Pagamenti;

15.15 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.

---

**15.1 Qari tal-ittri ta' apologiji**

12.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apologiji.

**15.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

12.2.1 Il-minuti gew approvati bhala dokument korrett.

**15.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

15.3.1 Is-Sindku talab li jghaddu ghall-punt numru 6 fuq l-agenda peress li kien hemm resident li xtaq jitkellem mall-Kunsill u li kien qed jistenna barra. Ghaldaqstant is-Sindku spjega b'dak li kien qed jigri fi Triq Albert W. Ketelby. Huwa qal li f'din it-triq kien hemm resident li kien qed jilmenta minhabba faccata tal-propjeta' tieghu. Dan l-ostaklu qed jimblokka l-entratura tal-garage ta' l-istess persuna li qed jilmenta ghaliex meta dan qed ihalli il-vettura quddiem tieghu filghodu minhabba li qed isir kostruzzjoni 'il gew minnu qed ihabbtulhom il-bieb kmieni biex inehhu l-vetturi. Is-Sindku qal li dan l-ostaklu qed jaghti access lir-resident iehor ghall-propjeta' tieghu peress li din mhix fil-livel tat-triq kif iffurmata illum. Dan l-ostaklu qieghed jokkupa parti minn triq pubblika. Il-Kunsill gie infurmat li l-PA harget *enforcment* lid-Dipartiment ta' l-Artijiet u sid l-art sabiex tnehhi dan l-ostaklu u l-Kunsill kien notifikat peress li qeghda fil-konfini tar-rahal. Joseph Mizzi staqsa jekk jitnehha dan l-ostaklu r-resident ha jispicca minghajar access? Gie spjegat li iva jekk jitnehha dan irid isib access iehor pero' wiehed irid jiftakar li dan qieghed jokkupa art pubblika. Gie spjegat ukoll li minn informazzjoni li ghandu l-Kunsill is-sid ta' l-ghalqa kien ha kumpens meta saret *ex-propriation* pero' fl-istess waqt kien hemm qbil li jithallilu access kif qieghed illum. Is-Sindku qal li filwaqt li t-tnejn b'xi mod ghandhom ikunu gawduti l-propjetajiet individwali l-Kunsill mhuwiex l-awtorita' li jiehdu din id-decizjoni. Il-kunsill qabel unanimament li jissugerixxi lir-resident sabiex imur ghand avukat b'din il-problema u jiehu il-passi kollha necessarji.

Gie mistieden ir-resident li kien qed jistenna biex jidhol ghal-laqgha. Is-Sindku talbu sabiex jghaddi l-kummenti tieghu. Ir-resident qal li fit-triq fejn huwa ghandu l-propjeta’ kien hemm ostaklu u minhabba dan huwa kien qed jiltaqa’ ma’ diversi problemi fosthom li ma jistax juza l-garaxx tieghu. Huwa zied jghid ukoll li dan qed ikun problema kbira ta’ parkegg fiz-zona. Kien suggerit lilu sabiex imur ghand avukat u jiehu parir legali. Ir-resident min-naha tieghu qal li huwa kien diga mar ghand avukat pero’ dan tah il-parir sabiex jirrangaw l-affarijiet bejniethom. Ir-resident prezenti qal li ghandu problema ghaliex jista’ jitlef il-kirja fuq il-propjeta’ tieghu u ghaldaqstant kien qed izomm lill-awtoritajiet responsabbli. Il-Kunsill issugerixxa li ghandu l-ewwel jiehu l-parir tal-avukat u jekk ma jasalx ghandu jiehu passi u jinghata *deadline*.

Ir-resident staqsa t-triq inkwistjoni jekk hiex responsabilita’ tal-Gvern Centrali jew hux tal-Kunsill Lokali u gie spjegat lilu li la darba t-triq hija gdida u mhux asfaltata din hija tal-Gvern Centrali. Ir-resident qal li l-unika soluzzjoni li qed jara huwa li jmur u jnehhi l-ostaklu huwa stess. Ghal dan is-Sindku spjegalu li minkejja li jifhem il-punt tieghu huwa ma jistax itih parir sabiex jagixxi b'dan il-mod u ghaldaqstant ghandu jmexxi fuq parir ta' Avukat. Tkompliet id-diskussjoni fejn kienu diskussi l-inkonvenjent li ta' kull filghodu qed ihabbtu l-bieb tar-residenza sabiex inehhi il-vetturi u kien hemm qbil li l-Kunsill qabel jinhareg permess iehor f’din iz-zona ghandu jobbliga lil min jigi ghall-permess sabiex ipoggi tabella minn qabel sabiex tingibed l-attenzjoni li l-ghada jkun ser isir xoghol fit-triq u ghaldaqstant ma jhallux vetturi li jistghu jghalqu l-access ghall-makkinarju goff. Is-Sindku zied jghid li l-Kunsill dahal fiha peress li r-residenti ghamel ilment ghand il-Kunsill pero’ kif spjegat precedentament din it-triq qabel tigi asfaltata ma tghaddix ghand il-Kunsill. Jekk ir-resident imexxi skond kif gie diskuss, il-Kunsill min-naha tieghu ikun jista’ jaghmel pressjoni permezz ta’ l-avukat tieghu sabiex tinstab soluzzjoni. Il-Kunsill qabel li kemm ‘il darba jircievi xi tip ta' korrispondenza ghandu jghaddija lill-avukat tal-Kunsill minnufih bla ma jistenna li din tkun diskussa fil-laqgha u li din ghandha titla’ ghal-laqgha li jkun imiss.

11.05 Ir-resident irringrazzja lill-Kunsill u hareg mil-laqgha.

15.3.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li qabel l-elezzjoni ta’ Mejju 2019, il-Kunsill kien ircieva korrispondenza minghand residenta dwar raba’ tal-Gvern li minn naha tieghu l-Kunsill kien irreserva x-xewqa li fil-futur din l-art tintuza’ ghall-progett pubbliku. Ir-residenta kienet qed titlob li din l-art tigi rilaxxata. Hu qal li fiz-zmien li kienet waslet din l-ittra kienet ittiehdet id-decizjoni li m’ghandix tigi diskussa peress li ma kienx zmien opportun ghaliex setghet tittiehed decizjoni mghaggla minhabba li l-elezzjoni kienet wara il-bieb. Din kellha tigi diskussa aktar ‘il quddiem fil-laqghat tal-amministrazzjoni prezenti. Is-Sindku stqarr li kien avvicinat mill-gdid u kif wieghed lir-residenti koncernati li hekk kif jghaddi l-perijodu tal-Covid-19 u l-laqghat jirritornaw lura ghan-normal u jinzammu fl-ufficju tal-Kunsill din kienet ser titpogga ghad-diskussjoni. Huwa spjega li l-art in kwistjoni tinsab fil-parti t’isfel ta’ Triq Trux faccata ta' fejn qabel kien jinzamm l-

iskip. It-talba tar-residenti ghandha tkun deciza mill-Kunsill. Gie innotat li din ma kienetx l-unika zona fejn il-Kunsill talab li tinzamm ghall-progetti futuri tal-Kunsill u n-nies li kienu jahdmu dawn l-artijiet ma kellhomx titlu. Joseph Mizzi qal li d-decizjoni mhijiex facli peress li jew ha tassisti lill-Kunsill jew inkella lill-privat. Miriam Borg innotat ukoll li skond id-decizjoni li ttiehed mill-Kunsill fil-laqgha precedenti tmur kontra l-ispritu ta' *fairness*. Tonio Mifsud qal li din hija art agrikola li tinhadem u ghaldaqstant huwa ta' l-opinjoni li tibqa' ghand is-sidien u tinghata titlu lilhom. Il-Kunsill kompla bid-diskussjoni fejn qabel li n-nies ghandhom jithallew jahdmu l-art. Il-materja ghaddiet ghall-vot fejn kien hemm erba' voti li qablu li l-art tibqa' kif inhi filwaqt li wiehed qabel li ghandha tibqa' ghand is-sidien u jinghataw titlu taghha.

15.3.3 Is-Sindku issugerixxa li ghandu jigi esplorat il-possibilita' li jinxtraw pots godda ghal-lokalita' ghal Triq il-Knisja u zoni ohra madwar il-lokalita'. Tonio Mifsud staqsa jekk kienx hemm spazju. Gie spjegat li trid issir esplorazzjoni taz-zoni biex naraw fejn jista' jitpogga. Huwa zied jghid li l-budget tal-Kunsill ghandu jigi revedut peress li attivitajiet li kien hemm ippjanati li jsiru sa issa ma kienux ser isiru minhabba s-sitwazzjoni tal-Covid-19. Joseph Mizzi semma l-pots ezistenti fejn semma li ghandu jsir xi *wire netting* biex ma jintramiex skart gewwa fihom. Is-Sindku qal li l-haddiema kienu diga nadfuhom fuq talba tieghu pero' kienet ideja tajba li ssir dan.

15.4.1 Gie spjegat li fix-xahar ta' Gunju kien hemm ippjanat l-attivita' tal-Brilli fi Triq San Pietru. Peress li din mhux ser issir is-Sindku ssugerixxa li ssir xi haga mall-program ta' Jum l-Gharb minflok. Huwa ssugerixxa li ssir jew il-Gimgha jew l-Hadd u ghandu ikun inkluz programm ta' ghanna.

15.4.2 Saret diskussjoni dwar l-Infiorata tal-festa fejn is-Sindku qal li l-grupp ta' l-Infiorata kienu ddecidew li fic-cirkustanzi l-Infiorata ta' din is-sena ssir fic-cirku tan-nofs fejn hemm l-arlogg f'nofs il-pjazza u dan wara konsultazzjoni li saret mall-Arcipriet peress li l-organizazzjoni tal-festa taqa' taht ir-responsabilita' tieghu. Huwa zied jghid li l-grupp qieghed jitlob ghajnuna sabiex issir l-infiorata lill-Ministeru ghal Ghawdex. Tonio Mifsud qal li huwa jixtieq jghid prosit lill-grupp taz-zjara tal-Ambaxxatur tal-Gappun. Il-Kunsill qabel mad-decizjoni tal-grupp.

15.4.3 Gie spjegat li ghal Jum il-Missier il-Kunsillier kienet ser titqassam kartiera zghira lill-missirijiet kollha.

15.4.4 Bhala aggornament fuq il-bins tar-rubbish li kienu gew diskussi sabiex jitpoggew fejn il-hwienet / stabililmenti fil-lokalita' gie spjegat li dawn ma kienux accettaw u ghaldaqstant kienu tpoggew biss fejn il-Knisja peress li dawn accettaw li jkollhom.

15.4.5 Gie spjegat li Wied il-Mielah gie dikjarat bhala Natura 2000. Dan jidher li ser

ikun qed jorbot mieghu certu restrizzjonijiet. Gie innotat ukoll li l-Kunsill ma kienx gie avvicinat pero' minkejja dan il-Kunsill ma jistax imur kontra din id-decizjoni. L-unika preokkupazzjoni tal-Kunsill kienet li jistghu jinholqu xi restrizzjonijiet fuq il-hobbies li jsiru minn residenti f'dan il-post. Joseph Mizzi staqsa jekk il-Kunsill jistax jiccekkja jekk certu hobbies jistghux jibqghu jsiru. Saret diskussjoni dwar dan u kien hemm qbil li ahjar hu li niksbu l-informazzjoni minn sorsi li jistghu jtuna parir. Kien precizat li m'ghandhomx jintmessu l-passatempi li jigu prattikati f'dawk l inhawi.

15.4.6 Is-Sindku informa lill-membri li fir-rigward tan-Night Shelter nhar il-Gimgha 3 ta' Lulju, hija prevista laqgha fil-kazin tal-Banda fejn ghalija ser jattendu l-Ministru Clint Camilleri, l-Ministru Michael Falzon u s-Segretarju Parlamentari Silvio Frendo. Il-Kunsill qabel li wara din il-laqgha l-Kunsill ghadu jittrattahom.

15.4.7 Gew diskussa c-CCTV cameras li fuqhom diga saret diskussjoni fil-laqgha precedenti fejn il-Kunsill kien qabel li l-ewwel wahda tigi installata f'San Pietru. Is-Sindku informa lill-membri li iktar kmieni filghodu kienet saret laqgha mad-Data Protection Officer fejn gie diskuss x'procedura trid tittiehed biex jehlu l-cameras minhabba l-protezzjoni tad-data. Gie spjegat li matul il-laqgha kienet saret komunikazzjoni telefonika mal-LESA fejn dawn kienu qed jigu mitluba sabiex huma jiehdu hsieb il-cameras. Gie spjegat ukoll li laqgha ohra ma' l-ufficjali tal-LESA hija prevista li ssir it-Tlieta tal-gimgha d-diehla fejn wara l-Kunsill ser ikun infurmat bl-outcome ta' dan il-laqgha. Tonio Mifsud qal li huwa importanti li jekk ikun hemm il-htiega li jintalab xi parti minn filmat mehud b'dawn il-cameras dan jinghata lill-Kunsill minghajr ebda' hlas. Il-Kunsill qabel li bhala recordings ghandhom jinzammu mil-LESA infushom. Joseph Mizzi qal li ghandha tehel camera fi Triq Dahlet Maxwell. Is-Sindku spjega li skond l-ahhar laqgha l-ewwel wahda ghandha tehel hemm u ghaldaqstant dan ghandu jkun diskuss mall-kuntrattur.

**15.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

15.4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera.

**15.5 Korrispondenza u Rapporti**

15.5.1 Korrispondenza minghand is-Sur Charles Bezzina fejn kien qed iniedi ktieb gdid u qed joffrih lill-Kunsill bi prezz issusidjat ta' €30. Il-Kunsill qabel li ghandhom jinxtraw zewg kotba sabiex ikunu pogguti fil-librerija.

15.5.2 Gew trattati s-segwenti applikazzjoni ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar: PA/03311/20, PA/03357/20, PA/03378/20, PA/03411/20, RG/00407/20, PA/03610/20, PA/03718/20, PA/03735/20, PA/03763/20, PA/03677/20, PA/03686/20, PA/03831/20 u PA/03941/20

**15.6 Enforcement – Triq Albert W. Ketelby**

15.6.1 Din il-materja giet diskussa aktar kmieni fil-laqgha.

### 15.7 Festa 2020

15.7.1 Is-Sindku spjega li huwa kien tkellem ma' l-Arcipriet u kien hemm qbil li l-Pjazza u z-zona tal-madwar tinghalaq ghat-traffiku bhal ma' jsir fil-*car free day* fil-gurnata tas-Sibt u dan sabiex tinghata ghajnuna u possibilita' akbar lir-ristoranti. Miriam Borg staqsiet jekk hux ser ikun hemm *background music* u kien hemm qbil li din l-attivita' ghandha tinzamm bhal fil-kaz tal-*car free day*.

Fuq il-festa, is-Sindku qal li huwa kien iddiskuta' dwar it-trasmissjoni live ma' l-Arcipriet u ma' Dun Gwann ta' Xejk TV. Gie spjegat li kien hemm qbil li jsiru dawn it-trasmissjonijiet pero' kien hemm mizata x'tithallas fejn is-Sindku ssugerixxa li din ghandha tithallas mill-Kunsill. Gie spjegat ukoll li l-Arcipriet kien ser jghaddi l-programm sabiex tinghata stima. Flimkien ma' dan kien ser isir program min-naha tal-Ghaqda Muzikali Vizitazzjoni. Gie spjegat li l-Kunsill kienet qieghed jistenna ukoll direzzjonijiet mis-Supretendent tas-sahha u l-affarijiet kienu qed jigu decizi gurnata b'gurnata u ghaldaqstant qabel jaslu dawn ma kienx hemm konferma fuq l-program. Tonio Mifsud ssugerixxa sabiex jintuzaw stazzjonijiet ohra fejn gie spjegat li dan l-istazzjon kien qed ixandar ukoll festi ohra u minkejja dan ma kienx ghad baqa' aktar zmien. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel li ghandu jaghti jiehu hsieb ix-xandira tal-festa.

Is-Sindku spjega li l-kumitat ta' l-Infiorata kien qed jitlob lit-tfal tal-lokalita' sabiex jaghmlu infiorata ghal zmien l-festa mid-dar taghhom u wara titella' online. Huwa zied jghid ukoll li l-ktieb tat-tpingija tat-tfal ghal zmien il-festa kien qed jinhadem u nittamaw li l-gimgha d-diehla jkun jista' jitqassam.

15.7.2 Joseph Mizzi staqsa dwar in-nar fil-festa. Is-Sindku qal li bhala Kunsill normalment joffri assistenza fil-magazine tal-Ghaqda Muzikali Vizitazzjoni u tal-Parrocca billi jaghmel l-awguri tieghu fihom. Il-Kunsill qabel li ghal din is-sena jghin u jaghti l-messagg tieghu f'dawn ir-rivisti. Tonio Mifsud staqsa jekk almenu jistax ikun hemm salut fil-gurnata tal-festa. Kien spjegat li min infurmazzjoni li ghandu is-Sindku ser jinharq nara pero mhux bil-kwantita tas-soltu u dan fuq qbil fil-kumitat/i rispetivi. Is-sindku zid jghid li din mhix decizjoni tal-kunsill pero xorta qed jifri l-ghajnuna. Tonio Mifsud issugerixxa li ghandu jinxtel bawl blue f' xi toroq. Il-Kunsill iddiskuta' din il-materja u qabel li ghandu jinxtghel dawl blu fil-pjazza fuq iz-zewg nahhat.

Is-Sindku spjega ukoll li il-bniedar li kienu gew diskussi precedentament kienu ser jaslu fil-jumejn li gejjin.

### 15.8 Jum l-Gharb

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

15.8.1 Il-Kunsill issugerixxa li ghandhom jintbghatu n-nomini ghall-premijiet ta' Jum l-Gharb bhas-sena precedenti lill-ghaqdiet u lill-pubbliku ingenerali permezz tal-magazin ‘Il-Pjazza’.

**15.9 Devoluzzjoni – Sistema tar-Reciklagg**

15.9.1 Gie spjegat li kienet qeghda issir proposta sabiex il-gbir tas-skart ghar-reciklagg jghaddi ghand ir-Regjun. Giet diskussa din il-materja fejn il-Kunsill qabel li ghandha tibqa’ responsabilita’ u f’idejn il-Kunsill.

**15.10 Slow Street Project**

15.10 Gie spjegat li l-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali kienet qeghda tniedi progett bl-isem ‘Slow Streets’ sabiex il-Pjazzez u t-toroq skond l-ghazla tal-Kunsill isiru pedonali f’gurnata jew aktar skond kif jiddeciedi l-Kunsill. Is-Sindku qal li min-naha tal-Kunsill kien diga informa lill-Assocjazzjoni li l-Kunsill huwa interessat pero’ minghajr ebda’ *commitment* peress li kien ghada trid tigi diskussa waqt il-laqgha tal-Kunsill pero’ kien hemm deadline. Joseph Mizzi staqsa kif ser tahdem is-sistema. Is-Sindku qal li din tiddependi fuq dak li jiddeciedi l-Kunsill fejn perezempju kull nhar ta’ Sibt il-Pjazza tkun dejjem maghluqa. Is-Sindku zied jghid li l-Kunsill ghad irid jara l-pjan tat-traffic management fejn gie spjegat li ma’ dan il-progett hemm marbut ukoll li jsir traffic management offrut mir-regjun. Huwa qal ukoll li l-Kunsill kien hareg offerta’ tat-traffic management pero’ minkejja li kien inghata deadline jidher li l-kuntrattur ma kienx interessat ghax lanqas wiegeb. Tkompliet id-diskussjoni fejn il-Kunsill qabel li jidhol fil-progett ta’ Slow Streets u li jidhol f’diskussjoni mall-kuntrattur involut f’dan il-progett sabiex jiddiskuti t-traffic management.

**15.11 Attivitajiet**

**15.12 Covid-19 aggornamenti**

15.12.1 Gie spjegat li jidher li issa l-playing fields jistghu jinfethu. Apparti dan il-librerija ukoll ser tinfetah u qed isir il-process u l-proceduri sabiex ikun jista’ jsir dan. Fir-rigward tal-Berga dan ghad m’hemmx data meta ser tinfetah.

**15.13 Materji ohra**

15.13.1 Gew diskussjoni l-korsijiet tas-Sajf fejn gie spjegat li l-Kunsill qed jahdem sabiex dawn il-korsijiet isiru *online.* Bhala korsijiet ser ikun hemm is-Summer Club li ser ikun maqsum fuq erba’ t’ijiem bl-lezzjonijiet ta’ bejn 30 u 45 minuta l-wahda. Kien ssugerixxa li min ikun irid jippartecipa jhallas mizata zghira bhala *commitment fee*. Apparti dan ser ikun hemm ukoll korsijiet tar-revision ta’ l-iskola primarja biex tinghata ghajnuna lill-istudenti. Is-Sindku qal li kien hemm

interess minn ghalliema mill-Gharb dwar dawn il-klassijiet fejn dawn bhal tas-Summer Club ser isiru online. Il-Kunsill kompla bid-diskussjoni dwar dawn il-korsijiet u qabel li dawn ghandhom isiru online u tithallas mizata ghal kull wiehed.

15.13.2 Is-Sindku nforma lill-membri li fil-gimghat li gejjin, min johrog l-iskart organiku f'borza li mhux dik bajda ser ikun qed jehel multa ta' €25. Ghaldaqstant huwa ssugerixxa li l-haddiema tal-Kunsill ghandhom imorru jhabbtu bieb bieb iqassmu l-boroz u jinfurmaw lir-residenti dwar dan.

15.13.3 Is-Sindku nforma lill-membri li l-iskedar tad-Dar ta' Frangisk Portelli kienet miexja u l-Kunsill kien qed jistenna risposta.

15.13.4 Gie spjegat li fil-jiem li gejjin kienu ser jaghlqu l-offerti tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li jzomm l-istess bord li jintuza s-soltu.

15.13.5 Is-Sindku gibed l-attenzjoni tal-Kunsill ghat-tielet darba li ebda' kunsillier m'ghandu johrog jiddiskutu dwar materji qabel ma jkunu approvati l-minuti tal-Kunsill. Huwa gibed l-attenzjoni ta' Joseph Mizzi li wara l-ahhar laqgha tal-Kunsill huwa kien informa dwar il-proposta tal-Kunsill dwar il-Club delegate ma' membri tal-Gharb Rangers FC. Is-Sindku kompla jghid li dan jista' jikkreja disgwid u problemi b'mod partikolari fejn jidhlu l-NGO's. Miriam Borg qalet li hija mhux taccetta li dan jibqa' jsir. Is-Sindku insista li dan kellu jigi kkomunikat mis-Segretarju Ezekuttiv permezz ta' dokumenti ufficjali. Dan huwa kaz sensittiv u wiehed ghandu jiehu prekawzzjoni. Joseph Mizzi qal li huwa ma' kellu ebda' intenzjoni li jikkreja problemi jew johloq inkonvenjent.

### 15.14 Skeda ta' Pagamenti

15.14.1 L-Iskeda tal-Pagamenti giet approvat unanimament mill-Kunsill.

### 15.15 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss

15.15.1 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar il-Hamis, 16 ta' Lulju, 2020 fid-8.00AM.

15.15.2 Il-laqgha spiccat fis-12.50pm.

Konfermati minn

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv